# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. DUNCAN BORG MYATT**

**Udejnza ta' nhar it-13 ta' Frar 2023**

**Talba nru. 155/2022**

**IAN TABONE ET NOE**
**(ID 125076M)**

***VERSUS***

**INTELLIGENT ENERGY LIMITED**
**(C-53597)**

**IT-TRIBUNAL,**

Ra illi permezz ta' Avvizipprezentat fit-23 ta' Mejju 2022 l-attur talab lis-socjeta konvenuta il-hlas ta' l-ammont ta' elf u hames mitt Ewro (Eur 1,500.00) rapprezentanti hlas li inghata ghal xogholijiet ta' appalt gewwa l-fond Flat 9 The Turn Triq l-Iskola Imsida.

Ra illi fit-talba inghad illi dawn ix-xogholijiet li saru mis-socjeta intimta ma sarux skond is-sengha u l-arti kif mistenni u sahansitra s-socjeta intimata kellha tigi mwaqqfa milli tkompli taghmel dan ix-xoghol u l-esponenti kellu jqabbad terzi persuni sabiex jaqilghu x-xoghol li kien sar mis-socjeta intimata sabiex isir kollox mill-gdid. Illi b'hekk is-socjeta intimata hija debitrici ta' l-esponenti fl-ammont ta' elf u hames mitt Ewro.

Ra illi l-attur talab sabiex jigi dikjarat illi l-imsemmi xoghol ta' appalt li ezegwixxiet s-socjeta intimata ma sarx skond l-arti u s-sengha u li ghaldaqstant ghandha tirrifondi lura l-ammont ta' elf uhames mitt Ewro li gew imhallsa akkont tal-prezz pattwit. Bl-Ispejjez u bl-imghax legali.

Ra illi s-socjeta konvenuta gie debitament notifikata skond il-pink card li tinsab a fol. 10 tal-process.

Ra n-nota li gietipprezentata fl-24 t' Awwissu 2022 mill-Avukata Dr. Sefora Agius (a fol.6) fejn dan it-Tribunal gie infurmat illi l-indirizz li saret in-notifika fih u cioe "Conscarm" Triq ta' l-Ibragg, Swieqi jappartjeni lil George Borg li kien direttur tas-socjeta konvenuta izda li kien irrizenja minn direttur u minn rapprezentant legali tas-socjeta intimata u li l-indirizz li fih saret in-notifika ma kellux jibqa l-indirizz ufficjali tas-socjeta konvenuta. In oltre inghad illi n-notifika giet accettata erronjament u invalidament.

Ra illi fid-dokument ipprezentat man-nota li jinsab a fol. 9 jidher car illi d-diretturi tas-socjeta konvenuta hallew l-indirizz taghhom fuq dak imsemmi fir-riferta.

Ra illi l-attur gie mitlub sabiex jipprezenta estratt mill-Malta Business Registry Online li jindika li l-indirizz registrat tas-socjeta intimata kif kien jidher fis-17 t'Ottubru 2022 u irrizulta li l-indirizz ufficjjali u registrat tas-socjeta intimata ghadu jidher u registrat bhala Conscarm Triq ta' l-Ibragg, Swieqi. (Fol.13.)

Ra illi l-Artikolu 187(4) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi n-notifika ghandha ssir:-

"*Fil-każ ta' korp li jkollu personalità ġuridika distinta, in-notifika lil dak il-korp għandha ssir billi titħalla kopja tal-iskrittura: (a) fl-uffiċċju reġistrat, fl-uffiċċju prinċipali, tiegħu jew fil-post tan-negozju jew fl-indirizz postali f'idejn xi ħadd mill-persuni msemmija fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 181A jew f'idejn impjegat ta' dak il-korp; jew*
*(b) f'idejn xi ħadd mill-persuni msemmija fl-artikolu181A(2) bil-mod provdut fis-subartikolu (1).*

Ra illi ghaldaqstant galdarba l-indirizz registrat tas-socjeta intimata huwa dak fejn saret in-notifika din ghandha titqies bhala valida.

Ra illi ghaldaqstant in-notifika hija meqjusa bhala valida u effettiva u fic-cirkostantzi ma kienet dahlet l-ebda risposta u lanqas ma deher had sabiex jipprezenta lill-imsemmi socjeta konvenuta u ghaldaqstant l-istess socjeta intimata giet meqjusa bhala kontumaci.

Ra illi fl-udjenza tas-7 ta' Dicembru 2022, l-attur ressaq affidavit u ddikjara li ezawrixxa l-provi tieghu.

It-Tribunal ha konjizzjoni ta' l-affidavit ta' l-attur.

Ra l-atti processwali;

<u>Ikkunsidra</u>

Illi fl-affidavit tieghu l-attur Ian Tabone ezercitanti fil-kummerc taht l-isem ta' Grand Interiors kienu qeghdin jahdmu xi xoghol ta' appalt fil-propjeta li tindab Flat 9, The Turn, Triq l-Iskola, Msida. Ghal dan il-ghan kien ta elf u hames mitt Ewro lis-socjeta intimata li wara ftit zmien kien irrizulta li ma kienx qed isir xoghol sew u ta' kwalita. L-attur jghid illi x-xoghol kellu jsir kollu mill-gdid u li ghaldaqstant kien talab rifuzjoni ta' l-Eur 1500 lura u li dawn qatt ma inghataw lura mis-socjeta intimata.

Illi l-Artikolu 9(2)(a) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi, "*Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (1), ġudikatur – Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda*."

Illi l-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 13 ta' l-istess imsemmi Kapitolu jiddisponi illi, "*Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu ... Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis*."

Illi minn qari ta' din id-disposizzjoni, jidher li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal gurnata ohra sabiex jisma' lill-parti mharrka f'kaz li din ma tidhirx quddiemu.

Illi fl-udjenza tas-7 ta' Dicembru 2022, is-socjeta konvenuta giet ikkunsidrata bhala kontumaci stante illi baqghet ma tressqitx risposta fit-terminu li trid u tghid il-ligi u lanqas ma deher xi rapprezentant taghha quddiem it-Tribunal.

Illi il-konferma bil-gurament min-naha ta' l-attur illi l-ammont mitlub ghadu dovut u l-ispjega li ta fl-affidavit li kien sar xoghol hazin u ghaldaqstant kellu jwaqqaf lis-socjeta intimata milli tkompli tesegwixxi x-xogholijiet li kienu ga mhallsa ghalih, ma hemm l-ebda raġuni sabiex it-Tribunal jiddubita l-veraċità ta' din ix-xhieda.

Illi fl-istess udjenza l-kawza thalliet ghas-sentenza abbazi tal-materjal probatorju sa dakinhar migbur in atti, u dan bl-adoperu tas-sucitat Artikolu 9 tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta.

It-Tribunal josserva li l-kontumaċja waħedha ma titqiesx bħala ammissjoni tat-talba tas-socjeta attrici da parti tal-konvenut izda kontestazzjoni ta' l-istess. Għalkemm il-konvenut baqa kontumaċi, dan ma jfissirx li huwa abbanduna kull eċċezzjoni li seta ghamel fil-kawża u ammetta d-domandi. Il-ġudikant għandu jeżamina jekk it-talba hijiex ġustifikata independentement mill-kontumaċja tal-konvenut/socjeta konvenuta. (ara ***Fenici Insurance Agency Limited noe vs. Paul Stoner et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell [Inferjuri] fit-22 ta' Novembru 2002).

L-istitut tal-kontumaċja hu intiż biss sabiex irażżan l-atteġġjament tal-kontumaċja u disprezz da parti ta' min ġie ċitat biex jersaq quddiem il-qorti (ara ***Kummissarju tal-Artijiet vs. John Curmi*** deċiża mill-Prim' Awla fil-31 ta' Jannar 2003).

Wara li sema' ix-xhieda, it-Tribunal ma jsibx diffikultà jikkonkludi li l-attur jimmerita li jieħu l-ammont reklamat skont l-Avviż tat-Talba.

Ghalhekk, fid-dawl tal-provi mressqa mill-attur u anke bid-diskrezzjoni ekwitattiva vestita f'dan it-Tribunal *ex lege* skond l-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta t-talba attrici timmerita li tigi milqugha.

**Decide**

**Ghaldaqstant**, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas l-ammont ta' elf u hames mitt Ewro u (Eur 1,500.00) bl-imghaxijiet bir-rata ta' 8% fis-sena fuq dan l-ammont dekorribbli mit-23 ta' Mejju 2022 (li hi d-data tal-prezentata tat-Talba) li jibqa' ghaddej u jiddekorri sad-data tal-hlas effettiv u finali. L-ispejjez gudizzjarji marbuta ma' dawn il-proceduri huma kollha a kariku tas-scoejta konvenuta.

**Avv. Duncan Borg Myatt**
Gudikatur